# OSSERVAZZJONIJIET U KOMMENTI GRAMMATIKALI*

K.V. deherlu li n-Nota fir-Raba' Edizzjoni tat-TAGHLIM FUQ IL-KITBA MALTIJA (1950) biex tagħraf b'mod prattiku jekk verb jispiċċax bil-konsonanti *għ* jew bil-*j* (mixrubin fil-leħen tal-vokali *a*) (a) kien messha ilha li dehret fl-edizzjonijiet ta' qabel u li (b) ir-reġuli ta' dik in-Nota ma jitwettqux bir-reqqa kollha u ma jħollux id-diffikultajiet kollha ta' l-istudent.

1. (a) Dak li jiżdied u jissewwa f'edizzjoni ġdida ta' ktieb huwa r-riżultat ta' esperjenzi mill-pubblikazzjoni jew pubblikazzjonijiet ta' edizzjonijiet ta' qabel li l-awtur ma satax jintebah bihom mill-ewwel. F'edizzjoni ġdida ta' grammatika dil-ħaġa hi marbuta mal-metodu tat-tagħlim li jingħata lill-istudent, metodu li jużik li maż-żmien jinħtieġ li wieħed jagħti xi mezz prattiku biex l-istudent jifhem iżjed ħafif dak li titgħallem bir-reguli teoretiċi tal-morfoloġija. Il-metodu prattiku, iżda, bħala prinċipju mhux ta' min iżomm miegħu dejjem għax bih il-moħħ ta' l-istudent jitgħażżen u ma jfittixx li jitħarreġ bir-reguli teoretiċi tal-grammatika. Fuq hekk ma kien lanqas ta' min idaħħal mill-ewwel edizzjoni din in-Nota.

(b) Dwar ir-regula li "jekk meta żżid is-suffissi pronominali *ha*, jew *hom* ma' tarf il-verb jinħass il-leħen magħqud ta' *ħħ* (*għ* + *h* = *ħħ*) dak il-verb jispiċċa bil-għerq *għ*", l-osservazzjoni li saret, illi, jiġifieri għandu jingħad *a priori* li dan il-verb irid ikun attiv-transitiv, jidhrilna li hija ħaġa minn ewl id-dinja li student ta' mir-Raba' Klassi 'l fuq għandu jkun jaf li l-verb irid ikun attiv-transitiv u li, jekk dan il-verb ma jeħux l-akkużativ huwa għandu jdur fuq iż-żewġ reguli l-oħra ġenerali li huma (a) u (c) ta' dik l-istess Nota. Teorikament l-awtur kien ikun iżjed irqiq, imma aktarx pedantiku, li kieku fir-regula daħħal din il-klawsula.

2. (a) Ir-regula li "jekk il-vokali ta' l-ewwel sillaba tal-verb fis-singular tat-tielet persuna tal-Perfett tibqa', dak il-verb għandu l-aħħar konsonanti tal-għerq *għ*, u li jekk dik il-vokali tgħib, ifisser li l-aħħar konsonanti tal-għerq ta' dak il-verb hija *j*", hija magħmula, kif teorikament għandha tkun, fuq is-suppożizzjoni li l-eżami għandu jsir fuq il-*Mamma* tal-*forma ewlenija* u mhux fuq forom imnisslin, jiġifieri, fuq dik il-forma li tirrappreżenta l-paradigma tal-verb perfett (ewlieni ta' żewġ sillabi) li fih m'hemmx ħlief it-tliet konsonanti radikali tal-kelma mibnijin fuq il-liġi tat-trilitteriżmu; u dan għandu jifhmu kull student tal-klassijiet tal-matrikola.

Din ir-regula ma tgħoddx għall-verbi ta' għamla oħra għax xjentifikament dawk huma verbi ta' forma ibrida tal-verb Malti, bħalma huma t-Torox u l-Moħfijin fejn ma hemmx ħlief vokali waħda, u fejn, wara kollox, l-aħħar konsonanti qajla ssibha *għ* jew *j*. Hekk ukoll nistgħu ngħidu għall-verbi kwadrilitteri li fihom qajla wkoll issib l-aħħar konsonanti radikali *għ* (siekta) jew il-*j*.

---

(*) Ara f'*Il-Malti* ta' Diċembru, 1950, taħt Reċensjonijiet, paġ. 127.

(b) Kull regula għandha l-eċċezzjoni tagħha u, għalhekk, meta verb jibda bil-konsonanti *għ*, hija ħaġa magħrufa li fonetikament billi l-*għajn* fil-Malti ma titlissinx bla vokali warajha, il-vokali ta' l-ewwel sillaba tibqa' bla mittiefsa f'eżempji bħalma huma *għanew* (flok *għnew*), *għolew* (flok *għlew*) li ma għandhomx jitħalltu mal-forom *qraw*, *tfew* u *ħallew*, *mexxew*, billi ta' l-ewwel jimxu mal-forom regulari tal-verbi Neqsin u tat-tieni huma forom imnisslin li ma humiex milqutin mir-regula mwaqqfa fuq il-paradigma tal-forma verbali perfetta ewlenija.

(ċ) Mhux sengħa grammatikali li tibni regula fuq eċċezzjoni u tqabbel il-forom tagħhom ma' verbi ta' struttura differenti fil-forma. Regula li tbarri kull eċċezzjoni u, li kif jaħseb K.V. tkun tista' tgħodd għall-verbi ta' kull għamla, sew perfetta kemm imperfetta, ukoll għall-imnisslin, imwaqqfa fuq l-aċċent, tista', sa ċertu pont, tkun iżjed prattika, iżda lè grammatikali, iżjed inġenjuża milli xjentifika, iżda dejjem difettuża, u lill-istudent fil-klassijiet tal-matrikola li għandu jagħżel u japprezza bejn għamla u oħra ta' verb tħallih jiddependi minn regula mibnija bla ebda kriterju fondamentali ta' morfoloġija Maltija. Eżempji bħalma huma: *baqgħu*, *telgħu*, *tefgħu*, imqabblin ma' *tfew*, *ġrew*, *għanew*, *għolew*, ma jillustrawx sewwa bil-għajnejn u b'mod prattiku l-prinċipji tar-regula għax fi *tfew* u *ġrew* il-vokali aċċentata ma hix u ma baqgħetx il-vokali tat-tieni sillaba u ma jarmonizzaw u lanqas ma jistgħu jarmonizzaw ma' l-eżempji l-oħra: *għanew*, *għolew* u targa' ma' *neħħew*, *mexxew* li mhumiex ta' l-istess forma.

L-eżempji *baqgħu*, *telgħu*, *tefgħu* juruna illi billi l-vokali aċċentata ta' l-ewwel sillaba baqgħet, il-verb ma nxtorobx f'sillaba waħda u l-aċċent baqa' fejn kien, fil-waqt li l-eżempji *tfew*, *ġrew* juruna illi, billi l-ewwel vokali aċċentata (f'*ġéra*, *téfa*) għabet, il-kelma nxorbot f'sillaba waħda u l-vokali tagħha, bħala vokali ta' kelma monosillaba hija dejjem aċċentata, iżda din il-vokali qatt ma tista' tgħid li hija t-tieni vokali tal-mamma *ġera*, *tefa*; l-eżempji *għanew*, *għolew* huma forom eċċezzjonali u l-vokali ta' wara l-*għ* hija meħtieġa mill-pronunzja jew mill-fonetika, iżda mhux mill-morfoloġija.

(d) Osservazzjoni oħra daqsxejn waħda inġenjuża wkoll, iżda daqshekk ieħor imwaqqfa fuq assjomi filoloġ hija dik li saret fuq ir-regula (Reg. 37 (iv)) li "l-likwidi *l*, *m*, *n*, *r*, ma jitlissnux b'vokali tal-leħen meta qabilhom ikollhom il-*għ*". Hekk iktarx illissnu *jagħrqu* flok *jagħarqu*, *jagħlbu* flok *jagħalbu*, *jogħrku* flok *jogħorku*; dan jiġri l-għaliex il-*għ* tilfet (b'therrija fonetika—*phonetic decay*) il-qawwa tal-konsonanti gutturali sħabha *q*, *ħ*, *g* (Ara *joqomsu*, *jaħarqu*, *jigirfu*) u ta' konsonanti oħra bħal *jitilfu*, *jisirqu*, u għalhekk iktarx il-*għ* tinxtorob u tivvokalizza ruħha meta tmiss mal-likwida. Għalhekk, f'kas bħal dan, il-*għ* ma għandniex inxebbhuha ma' gutturali oħra bħal *g*, *q*, *ħ*.

Ir-regula maħluqa minn K.V. flok dik li hemm imsemmija hawn fuq, illi "*kull ittra likwida meta qabilha jkollha l-konsonanti* għ *u warajha konsonanti oħra likwida ma tiħux il-vokali tal-leħen*" ma tgħoddx sewwa sew biex turi *fejn il-likwida* li jkollha l-*għ* quddiemha, bħala waħda miż-żewġ konsonanti li jmissu magħha, ma titlobx il-vokali tal-leħen.

L-eżempju *jagħmlu* ma jwettaqx ir-regula li semmejna, iżda iva, regula oħra, fosthom dik illi l-*għ* f'*jagħmlu*, barra milli tista' xxebbaħha fin-natura gutturali dgħajfa tagħha ma' l-*għ* ta' *jagħlbu*, tinsab fl-istess pożizzjoni fonetika ta' dawk il-kliem fejn l-*m* bħala likwida bejn żewġ konsonanti jkollha ma' ġenbha xi waħda mill-konsonanti sħabha, bħal fil-kelmiet *iġmla*, *bermċu*, *Karmnu*, fejn ukoll tista' tidħol il-kelma *jagħmlu*, fejn l-*m* għandha tmiss magħha l-likwida *l* [Ara Reg. 37 (i)] barra mill-*għ* ta' quddiemha.

Barra mill-eżempju *jagħmlu* li, kif għidna, jista' jaqa' taħt regula oħra iżjed ġenerali, ma jinsab ebda eżempju ieħor li jwettaq ir-reguli maħluqa minn K.V., u li għalhekk ma tistax fiha nfisha tissejjaħ *regula*, għalhekk, iktar u iktar ir-regula ta' l-eżempju *jagħlbu*, *jagħrqu*, *jogħrku*, fejn il-likwida ta' wara l-*għ* ma għandhiex *likwida oħra warajha* kif titlob ir-regula li tana K.V. a. c.